



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 97/20**  
il-Lussemburgu, is-16 ta' Lulju 2020

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-352/19 P  
Région de Bruxelles-Capitale vs Il-Kummissjoni

## **L-Avukat Ġenerali Bobek jargumenta favur interpretazzjoni iktar miftuħa tal-kriterju ta' interess dirett**

*Huwa jikkunsidra li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet locus standi lir-Région de Bruxelles-Capitale f'dak li jikkonċerna l-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat*

Fit-8 ta' Marzu 2018, ir-Région de Bruxelles-Capitale ppreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2324<sup>1</sup> li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat. Permezz tad-digriet appellat<sup>2</sup>, il-Qorti Ġenerali ddikjarat ir-rikors inammissibbli minħabba nuqqas ta' *locus standi*. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-Région de Bruxelles-Capitale ma kienx *ikkonċernat direttament* mir-regolament ikkontestat. Fl-appell tiegħu r-Région de Bruxelles-Capitale jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-digriet appellat, tiddikjara r-rikors għal annullament bħala ammissibbli u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

**F'dawn il-Konklużjonijiet, l-Avukat Ġenerali Michal Bobek jikkonkludi li meta ċaħdet *locus standi* lir-Région de Bruxelles-Capitale, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, peress li interpretat b'mod żbaljat ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kif ukoll numru ta' dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju applikabbli.**

L-Avukat Ġenerali Bobek josserva li skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, l-ammissibbiltà ta' rikors ippreżentat minn persuna fiżika jew ġuridika kontra att li mhux indirizzat lil jew lilha tista' tirriżulta f'żewġ sitwazzjonijiet. L-ewwel nett, tali proċeduri jistgħu jittressqu jekk l-att ikun ta' interess dirett u individwali għal din il-persuna. It-tieni nett, hija tista' tressaq proċeduri kontra att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni jekk dan l-att ikun ta' interess dirett għaliha.

Fil-kummenti ġenerali dwar il-kunċett ta' 'interess dirett', l-Avukat Ġenerali Bobek ifakkar li skont ġurisprudenza stabbilita, il-kundizzjoni ta' interess dirett tiġi ssodisfatta meta l-eżistenza ta' *rabta kawżali diretta* bejn l-att tal-Unjoni Ewropea kkontestat u t-tibdil fis-sitwazzjoni legali tar-rikorrent tkun tista' tiġi stabbilita. Il-kundizzjoni ta' interess dirett ma tiġix issodisfatta jekk hemm kwalunkwe intervent ulterjuri, mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew mill-awtoritajiet nazzjonali, li jista' jikser din ir-rabta.

L-Avukat Ġenerali Bobek jenfasizza l-loġika li fuqha hija bbażata l-ġurisprudenza dwar il-prinċipju ta' interess dirett: "fil-każ li att tal-Unjoni jkun indirizzat lil Stat Membru minn istituzzjoni, jekk l-azzjoni li għandha tiġi adottata mill-Istat Membru bħala risposta għall-att hija ta' natura awtomatika jew jekk, fi kwalunkwe każ, ma hijiex dubjuża, l-att għaldaqstant jikkonċerna direttament lil kull persuna li hija affettwata minn din l-azzjoni. Jekk, min-naħa l-oħra, l-att iħalli lill-Istat Membru l-possibbiltà li jieħu jew ma jieħu azzjoni, hija l-azzjoni jew in-nuqqas ta' azzjoni tal-Istat Membru li tirrigwarda direttament lill-persuna affettwata, u mhux il-miżura fiha nnifisha. Fi kliem ieħor, l-att inkwistjoni ma għandux jiddependi, sabiex jipproduċi l-effetti tiegħu, mill-eżerċizzju tas-setgħa

<sup>1</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2324 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU 2017, L 333, p. 10).

<sup>2</sup> Digriet tat-28 ta' Frar 2019, Région de Bruxelles-Capitale vs Il-Kummissjoni ([T-178/18](#)).

diskrezzjonali minn parti terza, sakemm ma jkunx evidenti li tali setgħa trid tiġi eżerċitata biss b'mod partikolari”.

Wara li osserva li entitajiet iffederati tal-Istati Membri, min-natura tagħhom stess, ma humiex sempliċement kwalunkwe persuna (privata) fiżika jew ġuridika fil-kapaċità tagħha ta' rikorrent mhux ipprivileġġjat, l-Avukat Ġenerali Bobek jeżamina kif dawn il-prinċipji ġew applikati fir-rigward ta' reġjuni jew entitajiet lokali oħra.

F'dan ir-rigward, l-Avukat Ġenerali Bobek josserva li l-ġurisprudenza li tikkonċerna l-entitajiet iffederati tissuġġerixxi li entità reġjonali jew lokali hija kkonċernata b'att tal-Unjoni meta hija tiġi fdata b'kompetenzi li għandhom jiġu eżerċitati b'mod awtonomu fil-limiti tas-sistema kostituzzjonali nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, u l-att tal-Unjoni jipprekludi lil din l-entità milli teżerċita dawn il-kompetenzi kif jidhrilha xieraq.

L-Avukat Ġenerali Bobek iżid li is-sempliċi fatt li reġjun għandu ċerta kompetenza – bħala organu kompetenti għal kwistjonijiet ekonomiċi, soċjali jew ambjentali fit-territorju tiegħu – fir-rigward tal-kwistjoni rregolata minn miżura ta' applikazzjoni ġenerali tal-Unjoni ma jstax, fih innifsu, ikun suffiċjenti sabiex dan ir-reġjun jitqies li huwa “ikkonċernat” fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Fi kliem ieħor, ir-reġjuni huma preklużi milli jippreżentaw rikors kontra atti tal-Unjoni li jaffettwaw l-interessi tagħhom b'mod ġenerali. Xi ħaġa iktar minn hekk hija meħtieġa: restrizzjoni diretta fl-eżerċizzju ta' kompetenza speċifika attribwita lir-reġjun fil-livell kostituzzjonali fl-Istat Membru.

F'dan ir-rigward, l-Avukat Ġenerali Bobek jidhirlu li r-raġunament tar-Région de Bruxelles-Capitale dwar il-fatt li wħud mill-argumenti tiegħu dwar l-ammissibbiltà tar-rikors ġew interpretati b'mod żbaljat, huwa fondat. Huwa josserva li minflok ma eżaminat jekk ir-regolament ikkontestat ipprekludix lir-Région de Bruxelles-Capitale milli jeżerċita ċerti kompetenzi speċifiċi, il-Qorti Ġenerali dawret l-analiżi tagħha għall-eżami ta' jekk il-parteċipazzjoni tar-reġjun fil-proċeduri ta' awtorizzazzjoni setgħetx titqies suffiċjenti għal konstatazzjoni ta' interess dirett.

L-Avukat Ġenerali Bobek għalhekk isib li r-Région de Bruxelles-Capitale huwa korrett li l-Qorti Ġenerali ma ttrattax l-argumenti tiegħu dwar il-fatt li r-regolament ikkontestat, fih innifsu, ipprekludix milli jeżerċita l-kompetenzi awtonomi tiegħu bil-mod li jidhirlu xieraq.

L-Avukat Ġenerali Bobek jikkonkludi li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 263 TFUE fl-evalwazzjoni tal-kundizzjoni ta' interess dirett. Huwa jsostni li r-regolament ta' implimentazzjoni kkontestat ipproduċa effetti legali li bidlu s-sitwazzjoni legali tar-Région de Bruxelles-Capitale tal-inqas b'erba' modi. *L-ewwel wieħed*, ir-Région de Bruxelles-Capitale ma setax jeżerċita, bil-mod li jidhirlu xieraq, il-kompetenzi awtonomi tiegħu sabiex jirregola l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fit-territorju tiegħu. *It-tieni wieħed*, ir-regolament ikkontestat obbliga lill-awtoritajiet Belġjani – inkluż lir-Région de Bruxelles-Capitale – sabiex jikkonservaw il-validità ta' awtorizzazzjonijiet eżistenti għaż-żmien kollu meħtieġ sabiex jiġu kkompletati l-proċeduri għat-tiġdid ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet. *It-tielet wieħed*, ir-regolament ikkontestat skatta proċedura li fiha r-Région de Bruxelles-Capitale kien meħtieġ jipparteċipa, u li fiha huwa ma setax la *de jure* u lanqas *de facto* jagħmel użu mill-prerogattivi mogħtija lilu skont il-kostituzzjoni Belġjana. *Ir-raba' wieħed*, ir-regolament ikkontestat obbliga wkoll lir-Région de Bruxelles-Capitale jirrikonoxxi, skont is-sistema ta' rikonoxximent reċiproku, kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija minn Stat Membru li jappartjeni għall-istess żona. Minkejja d-dubbi tar-Région de Bruxelles-Capitale dwar in-natura dannuża tal-glifosat b'mod ġenerali, ma huwiex intitolat li jirrifjuta r-rikonoxximent, sakemm ma jinjorax l-obbligi tiegħu skont id-dritt tal-Unjoni.

Meta kkunsidra r-rwol ta' reġjuni u entitajiet iffederati oħra bħala rikorrenti quddiem il-qorti tal-Unjoni, l-Avukat Ġenerali Bobek josserva li r-reġjuni Ewropej għandhom rwol importanti fi ħdan il-proġett Ewropew. Barra minn hekk, reġjuni u entitajiet iffederati oħra tal-Istati Membri jistgħu jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni f'oqsma li jidħlu fil-kompetenza tagħhom. Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali Bobek jissuġġerixxi li, kull darba li, *prima facie*, entità ffederata ta' Stat Membru tingħata, skont il-kostituzzjoni nazzjonali, kompetenzi awtonomi speċifiċi fuq kwistjoni

partikolari li hija ma tistax teżerċita kif jidhrilha xieraq bħala konsegwenza diretta ta' miżura tal-Unjoni, din l-entità għandu jkollha *locus standi* sabiex tikkontesta l-att inkwistjoni.

L-Avukat Ġenerali Bobek jinnota li t-tendenza restrittiva żżejjed fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tar-regoli ta' aċċess għall-qrati tal-Unjoni tagħti lok għal tħassib. Huwa jżid li jekk wiehded jaqra l-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni minn perspettiva kritika, b'mod partikolari d-diversi digriet tal-Qorti Ġenerali, wiehded ma jistax ħliet ikun sorpriż bil-ħeġġa u bil-kreattività li bihom jiġu identifikati l-assenza ta' interess dirett, jew anki kwalunkwe interess sabiex wiehded jaġixxi.

L-Avukat Ġenerali Bobek jikkonkludi b'żewġ punti strutturali li jimmilitaw favur interpretazzjoni iktar miftuħa tal-kriterji ta' interess dirett u individwali tal-inqas għal ċerti kategoriji ta' rikorrenti mhux ipprivileġġjati atipiċi, bħar-reġjuni f'kawżi bħal din. L-Avukat Ġenerali Bobek jinvoka l-bidla fl-arkitettura tal-qrati tal-Unjoni bħala l-ewwel raġuni. Sussegwentement, l-Avukat Ġenerali Bobek jargumenta li kwistjonijiet kumplessi, regolatorji u tekniċi, li jeħtieġu ġabra pjuttost estensiva ta' evidenza, opinjoni ta' esperti, jew data (xjentifika) għandhom jiġu diskussi qabelxejn fil-profond fuq il-merti quddiem qorti tal-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali, bl-evidenza u bid-data kollha miġbura u bl-intervenjenti interessati mismugħa, qabel ma potenzjalment jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Wara li kkonkluda li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddikjarat ir-rikors fl-ewwel istanza bħala inammissibbli fuq il-bażi li l-appellant ma kienx *direttament ikkonċernat*, l-Avukat Ġenerali Bobek ikompli b'analiżi dwar jekk il-kundizzjonijiet l-oħra għal-*locus standi* tar-Région de Bruxelles-Capitale skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE humiex issodisfatti. Huwa jissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi li r-Région de Bruxelles-Capitale huwa kkonċernat individwalment u direttament mill-miżura kkonċernata u, barra minn hekk, li r-Région de Bruxelles-Capitale kien ikkontesta att regolatorju li ma jnvolvi miżuri ta' implimentazzjoni.

---

**NOTA:** Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawżi li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

**TFAKKIRA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti li l-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, jagħmlu mistoqsijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi l-kawża b'mod konformi mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni hija vinkolanti, bl-istess mod, fuq il-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*